MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAGISTRAT DR.

## CHARMAINE GALEA

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2015

Rikors Numru. 20/2011

**Adrian Montanaro**

**Vs**

**Awtorita` Dwar it-Trasport f'Malta u b'digriet tas-26 ta' Jannar 2015 isem l-Awtortia` intimata gie korrett ghal Awtorita` Ghat-Trasport f'Malta**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ipprezentat minn **Adrian Montanaro** fil-5 ta' Frar 2009 quddiem il-Bord tal-Appelli dwar it-Trasport fejn gie premess is-segwenti:-

*"I Adrian Montanaro holder of identity card number 308476(M) am writing this letter in accordance to Act Second Schedule (Article 31(12), in order to object to the ADT decision with reference to Vehicles PFF 320, IAG 261, JAM 623.*

*As regards the vehicle with the registration plate PFF 320, I have already referred the case to the Police as it was clearly a case of false accusations in my regard as on the specific date the test in question was carried out by John Ebejer and this is evidenced by affidavits sworn under oath by the same John Ebejer and the assistant tester Ian Arpa. The test was also done in accordance to regulations. Investigations in regard to false accusations are still being carried out by Inspector Edmond Cuschieri (Police Station Mosta).*

*As regard the vehicle IAG 261, this test was also carried out by John Ebejer and evidence of this is the VRT certificate issued by him and also cctv images showing Mr. Ebejer issuing the certificate in question. In fact a letter issued by ADT dated 27th November found liable Mr. Ebejer, and this was due to the fact that I have asked the authority to investigate Mr. John Ebejer as I suspected such irregularities. Consequently another letter was sent founding me liable to pay such fine.*

*As regards the vehicle JAM 623, when I checked an area of the vehicle in question with the assessment tool it resulted that there were no holes and the structure was still intact and vehicle had additional enforcement."*

Ra t-tlett risposti tal-**Awtorita` intimata** fejn eccepiet is-segwenti u cioe:-

*"*

1. *Illi fl-ispezzjoni u l-ittestjar sabiex jigi ccertifikat li l-vettura bil-mutur bin-numru tar-registrazzjoni '**PFF – 320'** tkun tajba ghat-triq, l-appellant li huwa wkoll responsabbli ghall-proceduri kollha ta' testijit li jsiru fl-istazzjon ta' testijiet tieghu, wara negligenza, traskuragni, u non-osservanza tal-ligi.*
2. *Illi l-Awtorita' appellata, bhala Awtorita' regolatrici li ghandha l-obbligu ta' amministrazzjoni tajba bhala bonus pater familias, ma ghamlet xejn izjed milli effetivament qdiet l-obbligi u d-doveri kollha imposti fuqha mill-ligi sabiex tassigura li tinzamm is-sigurta' fuq it-toroq; u kieku l-Awtorita' appellata ma haditx azzjoni versu l-appellant kienet tkun qed tindika lassatudni u traskuragni da parti taghha stess.*
3. *Illi l-legislazzjoni sussidarja 65.15 tindika oggettivament kemm id-doveri u l-fatturi li ghandu jiehu in konsiderazzjoni min ikun qed jezegwixxi t-testijiet necessarji sabiex*

*jiccertifika li vetturi bil mutur jkunu tajbin ghat-triq kif ukoll is-sistema ta' punti ta' penalita' fil-kaz li min ikun qed jezegwixxi t-testijit ma jezegwiex dak li hu mistenni minnu skond l-istess ligi. In vista ta' dan, jista jinghad ukoll illi ignorantia legis neminem excusat."*

"

1. *Illi fl-ispezzjoni u l-ittestjar sabiex jigi ccertifikat li l-vettura bil-mutur bin-numru tar-registrazzjoni **'JAM 623'** tkun tajba ghat-triq, l-appellant li huwa wkoll responsabbli ghall-proceduri kollha ta' testijit li jsiru fl-istazzjon ta' testijiet tieghu, wara negligenza, traskuragni, u non-osservanza tal-ligi.*
2. *Illi l-Awtorita' appellata, bhala Awtorita' regolatrici li ghandha l-obbligu ta' amministrazzjoni tajba bhala bonus pater familias, ma ghamlet xejn izjed milli effetivament qdiet l-obbligi u d-doveri kollha imposti fuqha mill-ligi sabiex tassigura li tinzamm is-sigurta' fuq it-toroq; u kieku l-Awtorita' appellata ma haditx azzjoni versu l-appellant kienet tkun qed tindika lassatudni u traskuragni da parti taghha stess.*
3. *Illi l-legislazzjoni sussidarja 65.15 tindika oggettivament kemm id-doveri u l-fatturi li ghandu jiehu in konsiderazzjoni min ikun qed jezegwixxi t-testijiet necessarji sabiex jiccertifika li vetturi bil mutur jkunu tajbin ghat-triq kif ukoll is-sistema ta' punti ta' penalita' fil-kaz li min ikun qed jezegwixxi t-testijit ma jezegwiex dak li hu mistenni minnu skond l-istess ligi. In vista ta' dan, jista jinghad ukoll illi ignorantia legis neminem excusat."*

"

1. *Illi ai termini tal-legislazzjoni sussidarja 65.15, l-appellant huwa responsabbli ghall-proceduri kollha ta' testijiet li saru fl-istazzjon ta' testijiet tieghu fuq il-vettura bil-mutur bin-numru ta' registrazzjoni **'IAG-261'.***
2. *Illi l-Awtorita' appellata, bhala Awtorita' regolatrici li ghandha l-obbligu ta' amministrazzjoni tajba bhala bonus pater familias, ma ghamlet xejn izjed milli effetivament qdiet l-obbligi u d-doveri kollha imposti fuqha mill-ligi sabiex tassigura li tinzamm is-sigurta' fuq it-toroq; u kieku l-Awtorita' appellata ma haditx azzjoni versu l-appellant kienet tkun qed tindika lassatudni u traskuragni da parti taghha stess.*
3. *Illi l-legislazzjoni sussidarja 65.15 tindika oggettivament kemm id-doveri u l-fatturi li ghandu jiehu in konsiderazzjoni min ikun qed jezegwixxi t-testijiet necessarji sabiex jiccertifika li vetturi bil mutur jkunu tajbin ghat-triq kif ukoll is-sistema ta' punti ta' penalita' fil-kaz li min ikun qed jezegwixxi t-testijit ma jezegwiex dak li hu mistenni minnu skond l-istess ligi. In vista ta' dan, jista jinghad ukoll illi ignorantia legis neminem excusat."*

Ra d-decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 9 ta' Dicembru 2008 fir-rigward tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni **JAM 623** indirizzata lir-rikorrent li kienet tghid is-segwenti:-

*"Re: VRT test on vehicle JAM 623*

*Please be advised that on the 23rd October 2008 you have carried out a VRT test on vehicle with the above reference. Following your VRT test a vehicle inspection was carried out on the 31st October 2008 by the ADT Technical Unit and the following defect was found.*

- *Suspension mounted to excessive corroded body resulting into very high risk.*

*Kindly be informed that according to Legal Notice 43 of 2008 you are therefore being penalized the total points of 50 (fifty) that are equivalent to €550.00*

*Please send the cheque of €550.00"*

Ra d-decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 14 ta' Mejju 2008 fir-rigward tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni **PFF 320** indirizzata lir-rikorrent li kienet tghid is-segwenti:-

*"Re: VRT test on vehicle PFF 320*

*Please be advised that on the 5th May 2008 you have carried out a test on vehicle with the above reference. During this VRT test Ms. Romina Libreri has noted that the items below were not tested and informed the Authority accordingly.*

- *The lights were not checked.*
- *The car was not inspected from underneath.*
- *The probe was not inserted in the exhaust tail pipe for emission testing.*
- *The sound level instrument was not used.*
- *No one assisted the Tester during the VRT test.*

*Furthermore from the evidence given by Ms. Romina Libreri it transpired that the Test was conducted by Mr. Adrian Montanaro and the pass certificate was issued on the name of Mr. John Ebejer.*

*Please be informed that according to Legal Notice 43 of 2008 you are therefore being penalized the total points of 1,060 (One thousand and sixty) that are equivalent to €12,345.60*

*Please send the cheque of €12,345.60"*

Ra d-decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 9 ta' Dicembru 2008 fir-rigward tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni **IAG 261** indirizzata lir-rikorrent li kienet tghid is-segwenti:-

*"Re: VRT test on vehicle IAG 261*

*Please be advised that on the 1st October 2008 you have carried out a VRT test on vehicle with the above reference. Following your VRT test a vehicle inspection was carried out on the 6th October 2008 by the ADT Technical Unit and the following defects were found.*

- *Rear-right tail lamp broken.*
- *Worn out drive shaft rubber bellows.*
- *Steering rack and rubber bellows worn out.*
- *Left-front/side indicators lens broken.*
- *Failure to carry out the correct testing procedure as per the VRT manual.*

*Please be informed that according to Legal Notice 43 of 2008 you are therefore being penalized the total points of 1,210.00 (One thousand, two hundred and ten) that are equivalent to €1,210.*

*Please send the cheque of €1,210."*

Ra l-ittra tat-22 ta' Marzu 2010 a fol. 47 tal-process li permezz taghha il-Bord tal-Appelli Dwar it-Trasport informa lir-rikorrent li l-appell tieghu kien se jkompli jigi mismugh minn dan it-Tribunal li sar kompetenti li jkompli jisma' l-appelli pendenti quddiem l-istess Bord.

Ra x-xhieda tar-rikorrenti,[1] ta’ Mark Bugeja,[2] ta’ Ian Arpa[3] u ta’ Clint Mansueto;[4]

Sema’ lil Clint Mansueto,[5] lil Romina Libreri,[6] lil Noel Buhagiar[7] u lil Lino Abela;[8]

Ra n-nota tar-rikorrent bid-dokumenti annessi maghha pprezentata fid-9 ta’ Novembru 2011, inkluz l-affidavit ta’ John Ebejer[9] u ta’ Ian Arpa;[10]

Ra n-nota tal-Awtorita` intimata ipprezentata fit-28 ta’ April 2014 li permezz taghha l-istess Awtorita` iddikjarat li mhix qed tkompli topponi l-appell interpost in rigward tal-*VRT* li sar fuq il-vettura bin-numru IAG-261 u li ghalhekk mhux se tkompli tinsisti fuq l-imposizzjoni tal-multa u penali fil-konfront tal-appellant pero zzomm il-posizzjoni taghha ferma fir-rigward tal-*VRT* li saru fuq il-vetturi bin-numru ta’ registrazzjoni JAM-623 u PFF-320;[11]

Ra n-nota ta’ sottomissjonijiet ipprezentata mill-Awtorita` intimata fil-31 ta’ Ottubru 2014;

Ra n-nota ta’ sottomissjonijiet tar-rikorrent ipprezentata fis-6 ta’ Jannar, 2015;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

---

[1] A fol. 59 sa 62
[2] A fol. 120 sa 121
[3] A fol. 122
[4] A fol. 129 sa 130
[5] A fol. 143 sa 146
[6] A fol. 150 sa 159
[7] A fol. 170 sa 176
[8] A fol. 181
[9] A fol. 77 sa 78
[10] A fol. 79
[11] A fol. 167

**Ikkunsidra:**

Illi l-ewwel u qabel kollox it-Tribunal qieghed jordna korrezzjoni f'isem l-Awtorita` intimata sabiex dan jigi jaqra "Awtorita` ghat-Trasport f'Malta" kif inhu l-isem legali taghha ai termini tal-Kapitolu 499 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi **r-rikorrent** xehed illi fir-rigward tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni PFF-320 ma kienx huwa t-*tester* li esegwixxa l-*VRT* pero kien certu John Ebejer u li t-*test* li sar fuq l-istess vettura irrizultalu li kien wiehed komplut. Fir-rigward tal-vettura JAM-623 ir-rikorrent xehed li kien huwa li ghamel il-*VRT* fuq l-istess vettura pero` peress li kellha xi nuqqasijiet kien sarilha *re-test* u ghaddiet. Ir-rikorrent jammetti li l-vettura in kwistjoni kellha xi sadid pero` s-sadid li kellha fuqha ma kienx wiehed li fuqha ghandha tehel il-vettura mill-*VRT*, apparti li kien hemm *re-enforcement* tax-*chassis*.

Fl-affidavit tieghu **John Ebejer** stqarr li kien huwa li ghamel il-*VRT* tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni PFF 320 u li fl-ebda hin ma kien involut ir-rikorrent.

**Ian Arpa** stqarr li hu kien assista lil John Ebejer jesegwixxi l-*VRT* fuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni PFF 320 u li d-dwal kien gew iccekjati, li l-vettura giet iccekkjata minn taht u li l-*emission probe* u *s-sound level instrument* kienu intuzaw.

**Mark Bugeja** xehed li hu l-proprjetarju tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JAM 623. Stqarr li wara li l-vettura kienet ghaddiet mill-*VRT* l-Awtorita` kienet baghtet ghalih ghal spezzjoni u l-ispetturi tal-Awtorita` kienu rrimarkawlu dwar xi sadid li kellu fuq in-naha ta' gewwa meta fethu l-*bonnet.*

**Clint Mansueto**, spettur mal-Awtorita` intimata, xehed li kien dahal rapport lill-Awtorita` fuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JAM 623 u ghalhekk saret spezzjoni fejn irrizulta li kien hemm *crack* fejn jintrabat ix-*shock absorber* u sadid mal-*front suspension.* Jghid li fejn jidhol sadid dan ikun ilu gej fuq medda ta' snin. Mistoqsi jekk is-*suspensions* kinux tajbin nonostante li kien hemm dan is-sadid, ix-xhud wiegeb li s-*suspension* hija xi haga generali li tibda mit-*tyre* u tibqa' sejra l-*body* kollu. Mistoqsi jekk allura s-*suspension* hijiex iktar relatata mal-*body* ta' vettura huwa wiegeb fl-affermattiv fir-rigward tad-difett riskontrat pero qal ukoll li l-interpretazzjoni li nghatat lid-difett ma kinitx wahda tieghu.

**Romina Libreri** spjegat illi hija impjegata mal-Kumpanija JF Securities, liema kumpanija kienet giet inkarigata mill-Awtorita` intimata biex jiccekkjaw *VRT stations* madwar Malta u Ghawdex. Hija spjegat li kienu marru biex jaghmlu *VRT* fil-garaxx tar-rikorrent b'karozza ta' wiehed mid-diretturi taghhom, cioe l-vettura PFF 320. Hija stqarret illi Lino Abela kien taha lista ta' kif ghandu jsir il-*VRT* u l-proceduri li ghandu jaghmel it-tester u hi kienet innotat xi affarijiet li ma sarux skond il-procedura. Hija spjegat illi kien hemm biss *tester* wiehed idur mal-karozza meta l-procedura tirrikjedi tnejn min-nies. Stqarret ukoll li d-dawl ma giex iccekkjat, il-vettura ma gietx iccekkjata minn taht u lanqas gie ccekkjat is-*silencer* ghall-fini ta' emissjonijiet ta' *exhaust*. Lanqas ma gie uzat is-*sound level instrument*. Hija stqarret illi l-*VRT* in kwistjoni ma kienx ghamlu r-rikorrent allavolja fuq id-dokument a fol. 65 tal-process hemm riportat illi hija kienet qalet lill-ufficjali tal-Awtorita` intimata li kien ir-rikorrent li ghamel it-*test*.

**Noel Buhagiar** stqarr illi huwa jahdem bhala *vehicle evaluator* mal-Awtorita` intimata, u li kien ghamel *post VRT inspection* fuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JAM 623. Fl-istess spezzjoni kien innota li l-vettura kellha *stress point* li kien mimli *corrosion* u sadid. Mistoqsi jekk kienx hemm *stread brace* ix-xhud wiegeb li ma kienx jiftakar li kien hemm tali *brace*. Ix-xhud spjega li l-ammont ta' sadid kien wiehed sostanzjali.

Illi biex  ma jkunx hemm konfuzjoni, it-Tribunal se jaqsam il-kunisderazzjonijiet tieghu f'zewg partijiet relatati ghal ma' kull vettura rispettivament.

Illi fir-rigward tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni **PFF 320** jirrizulta bhala fatt illi t-*tester* li kkonduca l-*VRT* ma kienx ir-rikorrent Adrian Montanaro.  Dan gie ammess sahanistra anke mix-xhud Romina Libreri imressqa mill-Awtorita` intimata fil-mori ta' dawn il-proceduri.

Illi fiz-zmien meta sar il-*VRT*  in kwistjoni, u meta saret l-ispezzjoni in kwistjoni da parti tat-teknici tal-Awtorita` intimata, kien  vigenti l-Avviz Legali 43 tal-2008 **(Regolamenti ta' l-2008 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Testijiet biex jiccertifikaw li Vetturi bil-Mutur huma Tajba ghat-Triq)** li fejn tidhol imposizzjoni ta' punti ta' penalita` kien jaqsam  it-Tnax-il Skeda f'zewg partijiet distinti minn xulxin u cioe "Sistema ta' Punti ta' Penalita` uzata biex ikun determinat in-numru ta' punti ta' penalita' li ghandhom jinghataw ghall-ksur tal-kundizzjonijiet tal-kuntratt **ta' operatur"**[12] u mbaghad kien hemm parti ohra intitolata "Sistema ta' Punti ta' Penalita' uzata biex ikun determinat in-numru ta' punti ta' penalita` li ghandhom jinghataw ghall-hsur tal-kundizzjonijiet **ta' persuna li jkollha licenza biex tittestja."**[13]  Di piu`, Regolament 21 (2)  tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 (**Regolamenti dwar Testijiet biex jiccertifikaw li Vetturi bil-Mutur huma Tajba ghat-Triq)** kif applikabbli fiz-zmien in ezami kien jghid li *"Meta operatur jonqos milli jhares il-kundizzjonijiet stabbiliti ghall-operaturi taht dawn ir-regolamenti u meta persuna li jkollha licenza biex tittestja tonqos milli thares il-kundizzjonijiet li jinsabu f'dawn ir-regolamenti ghall-persuni li jkollhom licenza biex jittestjaw, l-ufficjal awtorizzat* ***ghandu jaghti lill-operatur jew lill-persuna li jkollha licenza biex tittestja, skond ma jkun il-kaz,***[14] *avviz bil-miktub li jkun jispecifika l-ksur tal-kundizzjonijiet, in-numru adatt ta' punti ta' penalita` li jkunu se jitnaqqsu lill-operatur jew lill-persuna li jkollha licenza biex tittestja, u l-multa amministrattiva li tkun se tigi imposta fir-rigward ta' vjolazzjonijiet imwettqa mill-operatur."*

---

[12] Enfasi tat-Tribunal
[13] Enfasi tat-Tribunal
[14] Enfasi tat-Tribunal

Illi mill-provi jirrizulta illi Avviz fil-verita` intbaghat wiehed biss lil Adrian Montanaro. Mill-istess avviz jirrizulta wkoll illi l-irregolaritajiet, jekk semmai twettqu, wettaqhom *tester* impjegat mar-rikorrent. Illi kif gie ribadit f'iktar minn okkazjoni wahda minn dan it-Tribunal, anke kif diversament presjedut, l-Awtorita` intimata ma kellha l-ebda dritt li ghan-nuqqasijiet tat-*tester* timponi penali amministrattiva fuq l-operatur, kif sehh f'dan il-kaz.[15] L-Awtorita` intimata ma setghet qatt timponi multa amministrattiva bhala korrispettiv ghall-punti ta' penalita` imputabbli semmai lit-*tester*. Dan johrog car hafna minn qari tar-Regolamenti Taqsima VI tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 ghaliex fejn si tratta ta' **multi** dawn qeghdin marbutin biss ma' **agir tal-operatur** u mhux mal-agir tat-tester u dan kif kienet il-ligi vigenti dak iz-zmien u kif inhi anke llum il-gurnata (Regolament 21 (2) L.S. 65.15).

Illi apparti minn dan kollu, kif tajjeb isostni r-rikorrent fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, huwa inaccettabbli li tintbaghat persuna mhux teknika biex tghasses jekk *VRT* qieghedx isir regolarment. Illi dak rapportat minn Romina Libreri, u cioe l-persuna li kienet qieghdha taghmel is-supervizjoni fil-hin tal-*VRT* de quo, jippekka f'diversi aspetti fosthom il-fatt li rraportat li ma kienx sar test tad-dawl, tal-exhaust u tas-*sound level* meta fil-fatt ir-rizultat tal-VRT a fol. 80 tal-process juri li fil-fatt saru dawn it-tests u taw anke rizultat. Kwindi dan it-Tribunal certament ma jistghax, fi kwalunkwe kaz, jistrieh fuq dak li suppost rat jew ma ratx isir l-istess xhud.

B'hekk it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-Avviz datat 14 ta' Mejju 2008 fejn l-Awtorita` intimata ippenalizzat lir-rikorrent elf u sittin (1060) punt ekwivalenti ghal tnax-il elf, tliet mija u hamsa u erbghin ewro u sittin centezmu (€12,345.60) huwa wiehed irritu u null u kwindi qieghed jigi revokat.

[15] Ara **Vella Investments Limited vs Awtorita` ghat-Trasport f'Malta** (26/2010) deciza fil-11 ta' Lulju 2013, u **Joseph Magri et vs Awtorita` ghat-Trasport f'Malta** deciza fid-29 ta' Mejju 2012, u **Ian Arpa et vs Transport Malta** deciza fis-7 ta' Frar 2014.

It-Tribunal sejjer issa jezamina l-kwistjoni fir-rigward tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni **JAM 320.** Illi jirrizlta illi fil-*post VRT* l-ufficjali tal-Awtorita` intimat innutaw xi sadid fis-sistema tas-*suspension*. Illi dan it-Tribunal jibda biex jiccensura l-mod ta' kif gew esebiti dawk li suppost kellhom ikunu l-ahjar prova tal-Awtorita` intimata, u cioe r-ritratti tas-sadid riskontrat. Illi dawn ir-ritratti ftit li xejn kienu ta' ghajnuna ghal dan it-Tribunal peress li huma kopji mhux ta' kwalita` tajba u certament dan it-Tribunal ma jistghax jistrieh fuqhom bhala prova. B'referenza ghar-ritratt esebit mir-rikorrent man-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, it-Tribunal jirrileva li dan ir-ritratt kien diga esebit mill-istess rikorrent a fol. 87 tal-process u hu ghalhekk biss li mhux qed jordna l-isfilz tieghu. Sfortunatament, anke dan ir-ritratt huwa kopja, ghalkemm xi ftit aktar cara minn dawk esebiti mill-Awtorita` intimata.

Illi pero, lil hinn minn dan kollu, it-Tribunal jaghmel referenza ghall-*M.O.T Inspection Manual* li huwa l-manwal li l-Awtorita` intimata tesigi li t-*testers* jimxu mieghu meta jikkonducu *VRT*. Illi f'Appendici C ta' dan il-manwal insibu li fir-rigward ta' *structural integrity and corrosion* jghid hekk:

*"3.* ***Corrosion assessment***

*Having identified the important load bearing members and "prescribed areas" on a vehicle, the tester should determine whether they are excessively corroded, firstly by visual inspection and* ***then by finger/thumb pressure.***[16]

*If necessary careful scraping or light tapping of the affected areas with the Corrosion Assessment Tool is permitted.*

*Excessively corroded metal or metal treated with filler, emits a duller sound than does unaffected metal. It is not necessary to apply heavy impact blows or to use a sharp instrument to "dig" at the structure."*

[16] Enfasi tat-Tribunal

L-istess manwal ikompli jghid

*"4.* ***Failure criteria within `prescribed areas`***

*Corrosion within a `prescribed area` should be rejected if:*

- *The corrosion has caused a hole in the metal, or*
- *It is weakened to the extent that by finger and thumb pressure it does not feel sound, or*
- *Finger and thumb pressure or use of the Corrosion Assessment Tool causes a hole."*

*Additionally, any fracture or inadequate repair (see items 11 to 14) within a `prescribed area` is a Reason for Rejection. However, deliberate modification or severe distortion within a `prescribed area` should only be rejecfted if the strength of a component mounting, load bearing member, supportin structure or supporting panelling is significantly reduced."*

Illi mir-rapport redatt minn Clint Mansueto u Noel Buhagiar, l-ispetturi li ghamlu l-*post VRT*, irrizultalhom is-segwenti: *"Upon inspection heavy rust was noted around in the area of the front suspension, mounting points as shown in the attached pictures."*[17] Illi mix-xhieda tal-istess spetturi jirrizulta illi l-ispezzjoni taghhom kienet wahda **purament vizwali.** Fuq mistoqsija ta' assistent tat-Tribunal jekk kienx inqala' xi ammont ta' sadid li kien hemm, Noel Buhagiar wiegeb hekk *"Ifhimni bhala ammont ta' sadid kien hemm ammont sostanzjali ghax kieku kien hemm ftit, imma* ***peress illi rajna dak l-ammont ta' sadid***[18] *allura hadna l-passi li gew mehtiega jittiehdu."*[19]

Illi dan it-Tribunal jinnota li l-ispetturi li esegwew il-*post VRT* ma mxewx mal-procedura stabbilita fl-*M.O.T. Inspection Manual* u dan meta l-istess Awtorita` tesigi mit-*testers* tal-*VRT stations* li jimxu mieghu. Illi jekk hemm procedura li *t-testers* iridu jimxu maghha biex jaghmlu l-assessjar adegwat, daqstant iehor ghandhom jimxu maghha l-ispetturi tal-Awtorita` intimata u mhux semplicement jaghtu titwila anke jekk mill-esperjenza taghhom ikunu sodisfatti li jkun hemm tali nuqqas.

---

[17] Dok CM1 a fol.1136
[18] Enfasi tat-Tribunal
[19] A fol. 175

Illi ghalhekk dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-mod kif gie kondott il-*post VRT* mill-ufficjali tal-Awtorita` intimata jippekka in kwantu ma sarx skond il-procedura u kwindi l-istess Awtorita` ma setghetx timponi punti ta' penali meta t-*test* ma kienx kondott bl-istess rigorozita` li hi tesigi mit-*testers* tal-*VRT stations*. Ghaldaqstant, it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-avviz mahrug mill-Awtorita` intimata datat 9 ta' Dicembru 2008 fir-rigward tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JAM 623 ghandu jigi revokat.

Illi finalment, fir-rigward tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni **IAG 261** jirrizulta illi l-Awtorita` intimata mhix qed topponi izjed ghall-appell interpost u fit-28 ta' April 2014 gie dikjarat permezz ta' nota fl-atti illi l-istess Awtorita` mhix se tkompli tinsisti fuq l-imposizzjoni tal-multa u l-penali fil-konfront tar-rikorrent. In vista ta' dan ir-rikorrent irtira wkoll l-appell tieghu fir-rigward tad-decizjoni fir-rigward tal-imsemmija vettura.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt illi jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-appell fir-rigward tal-Avviz datat 9 ta' Dicembru 2008 fir-rigward tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IAG 261, qieghed jilqa' t-talba tar-rikorrent u jirrevoka l-Avvizi mibghuta mill-Awtorita` intimata lir-rikorrent datati 14 ta' Mejju 2008 in konnessjoni mal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni PFF 320 u 9 ta' Dicembru 2008 in konnessjoni mal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JAM 623.

Bl-ispejjez kollha ta' din il-procedura kontra l-Awtorita` intimata.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------